Minuti tal-Laqgħa Nru.24 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 29 ta' Mejju 2006 fil-4.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.Mus.L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sinjura Monica Camilleri (ħadet postha fil-5 p.m.)<br>Is-Sur Joe Camilleri<br>Is-Sur Raymond Saliba |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużat:** | Is-Sur Silvio Schembri |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mistoqsijiet
5. Rapport tal-Perit dwar it-Tender għar-Resurfacing
6. SkolaSajf
7. Mozzjonijiet
8. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 23 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joe Camilleri u ssekondata mis-Sur Victor Caruana.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Is-Sur Joe Camilleri staqsa x'tip ta' investigazzjoni saret mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li għaliha jirreferi Para. 3.1 (d).

2.2 Is-Sindku wieġeb li l-investigazzjoni saret dwar allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet mill-Kunsill Lokali Luqa fl-operat tal-Kunsill. L-investigazzjoni saret minn wara dahar il-Kunsill. Anzi s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew akkużati bl-allegati rregolaritajiet bla ma qatt ġew ikkuntattjati u jingħataw iċ-ċans li jwieġbu. Kien biss wara ittra li ntbagħtet lid-Direttur is-Sur Natalino Attard, li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ingħataw iċ-cans li jpoġġu l-fatti kollha bi tweġiba għall-allegazzjonijiet li saru minn min ried jagħmel ħsara mhux biss lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv, imma wkoll lill-Kunsill.

2.3 Is-Sindku żied igħid li d-Direttur, li fil-laqgħa kien akkumpanjat mis-Sur Alfred Armeni, kien sodisfatt ħafna bil-fatti kif esponiti minna (Sindku u Segretarju Eżekuttiv), liema fatti jirredikolaw l-allegazzjonijiet ta' għajb għal min għamilhom u li aħna nafu min kien. Is-Sindku kompla jgħid li min irid jista' jara l-korrispondenza kollha li għaddiet dwar is-suġġett.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza li daħlet sad-29 ta' Mejju 2006, fosthom :

a) ittra tas-Sur Martin Abela, Superjur Lokali tas-Soċjeta MUSEUM, li titlob l-għajnuna tal-Kunsill biex tiġi mħarsa s-sigurta tat-tfal li jattendu l-MUSEUM mill-periklu tat-traffiku li jgħaddi minn Triq ir-Rixtellu. Il-Kunsill iddeċieda li dwar dan is-suġġett u punti oħrajn ssir laqgħa mas-Supretendent Ray Żammit u li għaliha jattendi wkoll is-Superjur Martin Abela.

b) ittra mill-Malta Aviation Museum Foundation li tistieden lill-Kunsilli jorganiżżaw żjarat b'rati speċjali.

c) ittra mis-St. Vincent De Paul Running Group dwar il-Maratona li se ssir fit-30 ta' Settembru 2006 u li għaliha l-Kunsill ġie mitlub jagħti sponsorship. Il-Kunsill qabel li jagħti id-donazzjoni bħal tas-sena l-oħra.

d) ittra mill-Assoċjazzjoni Trasport Pubbliku li titlob biex jitneħħew iż-żewġ "railings' fuq in-naħa tal-lemin f'tarf Triq Ġulju Muscat kantuniera ma' Triq ir-Rixtellu peress li dawn huma ta' ostakolu għall-karozzi tal-linja.

d i) F'diskussjoni qasira li saret tqajmu diversi punti fir-rigward tat-trasport pubbliku, fosthom il-vjaġġ tas-7.15 a.m. li mhux isir. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qabel ma' proposta tas-Sindku biex jintbagħat "reminder" għal laqgħa li ilha tintalab mal-ADT.

LUQA

e) ittra mill-Malta Library and Information Association li tistieden lill-Kunsill jipparteċipa f'forum bit-tema "Malta's Libraries: a challenge to change?" li se jsir l-Erbgħa, 14 ta' Ġunju 2006 fil-5.45 p.m. Is-Sindku nkariga lill-Viċi Sindku Joe Piscopo biex jara jkunx jista' jattendi peress li dan is-suġġett jaqa' taħt ir-responsabiltajiet tiegħu.

f) ittra mill-Kap ta' l-Iskola Primarja Luqa biex tinforma li matul is-sajf f'din l-Iskola se ssir Skolsajf, u li titlob biex il-Kunsill iħallas l-ispejjeż tat-trasport għat-tfal ta' Ħal Farruġ li se jattendu Skolasajf. Il-Kunsill qabel mat-talba tal-Kap ta' l-Iskola.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha li daħlet mill-MEPA wara li din ġiet ivverifikata mis-Sur Victor Caruana.

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Is-Sur Victor Caruana ġibed l-attenzjoni li dik li skip li hemm ħdejn il-"married-quarters" mhux qed titbattal. Is-Sindku qal li qed jiġri hekk għax il-kuntrattur ma jistax jidħol minħabba x-xogħol li qed isir fi Triq l-Avjazzjoni. Madankollu r-resident diga' ftiehem mal-kuntrattur biex iqabbiżlu li skip għat-triq ħalli jkun jista' jeħodielu.

4.2 Is-Sur Caruana ġibed l-attenzjoni li tal-Consortium mhu qed jaħrat imkien fir-raħal. Is-Sindku wieġeb li dak jaqa' taħtu (taħt is-Sur Caruana) u għalhekk stieden lis-Sur Caruana biex javviċċina lill-Consortium ħalli jagħmel ix-xogħol mitlub.

4.3 Is-Sur Caruana talab sabiex issir xi ħaġa biex jitnaddaf ħdejn il-bandli u ħdejn il-Knisja ta' Ħal Farruġ fejn hemm ħafna terrapien. Is-Sindku wieġeb li għat-terrapien ngħidu lil Catbros Ltd li qed jaħdem hemmhekk, u għal ħdejn il-bandli nibagħtu t-trakk.

4.4 Is-Sur Joe Piscopo qal li ħareġ ktieb tal-mużika li jista' jitqies bħala terapija għall-bniedem. Issuġġerixxa li dan il-ktieb jinxtara għal-librerija tagħna. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

4.5 Is-Sur Piscopo ġibed l-attenzjoni dwar bozza fi Triq il-Ġdida li ilha maqtugħa aktar minn xahrejn. Qal li l-ħsara hija ta' l-Enemalta. Is-Sindku wieġeb li dwarha se jkellem lill-foreman ta' l-Enemalta.

4.6 Is-Sur Piscopo ġibed l-attenzjoni dwar sprall tad-dranaġġ li tgħatta waqt li kienu għaddejjin bix-xogħol ta' *crit print* fi Triq Salvu Zammit. Is-Sindku wieġeb li għandu jara biex dan jiġi ċċejzjat.

4.7 Il-Viċi Sindku ġibed ukoll l-attenzjoni fuq il-barrier li saret fi Triq Valletta. Huwa qal li dik mhix crash barrier kif kien ġie miftiehem li ssir, għax f'każ ta' incident, karozza tiskidja minn fuqha u mhux teħel magħha mad-daqqa. Fiċ-ċirkostanza s-Sindku reġa' fakkar lis-Sur Victor Caruana biex jieħu ħsieb iġib il-crash barrier u anke biex jikkuntattja lill-ADT biex inneħħu żewġ parking-bays mill-faċċata l-oħra ta' fejn twaħħlet il-barrier.

4.8 Wara li talab u ngħata l-permess tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv fakkar biex ma nħallux għall-aħħar fil-ħruġ ta' permessi biex jintramaw kiosks fil-jiem tal-festa. Qal li rridu nimxu skond l-ordnijiet legali fejn kull min rama s-sena l-oħra għandu dritt li jarma fl-istess post. Il-Kunsill qabel li l-ħruġ tal-permessi għandu jibda minnufih.

4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li bosta drabi fil-pjazza tal-Knisja jara bouzers jimlew l-ilma mill-ġibjuni li hemm fil-pjazza. Fosthom ikun hemm tal-Consortium u anke ta' l-Agrikoltura. Huwa staqsa b'liema awtorita' u dritt qegħdin jieħdu dan l-ilma bla ma qatt avviċinaw lill-Kunsill.

4.9i Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-Consortium u lid-Dipartiment tal-Biedja dwar is-suġġett rispettivament.

## 5. RAPPORT TAL-PERIT - RESURFACING TENDER

5.1 Is-Sindku ssottometta r-rapport imħejji mill-Perit Charles Buħagiar li evalwa l-offerti kollha li ntefgħu u li kienu jlaħħqu għal tmien (8) offerenti.

5.2 Ir-rapport jitratta dwar ''paving works'' u ''resurfacing works''. Fl-evalwazzjoni tiegħu fir-rigward ta' ''paving works'' ir-rapport jirrakkomanda lil Catbros Ltd filwaqt li fir-rigward ta' ''resurfacing works'' ir-rapport jirrakkomanda lil Polidano Bros. Ltd jew lil Bitmac (Works) Ltd. F'każ li l-għażla taqa' fuq Bitmac (Works) Ltd., dan irid jipprovdi r-rati ta' section 1 u 4 tat-Tender peress li dawn ma kienux inklużi fl-offerta tagħhom.

5.3 Wara diskussjoni fuq ir-rapport, il-Kunsill unanimament approva li t-tender għax-xogħol ta' paving tingħata lil Catbros Ltd., filwaqt li dik ta' resurfacing tingħata lil Polidano Bros. Ltd. (kopja tar-rapport tal-Perit tinsab mehmuża ma' dawn il-minuti).

## 6. SKOLASAJF

6.1 Mid-diskussjoni fuq dan is-suġġett ħareġ li qabel xejn għandha tiġi kkuntattjata Mrs Carmen Tedesco, Kap Skola Primarja, biex isir magħruf l-eta' tat-tfal li se jattendu skolasajf tal-gvern ġewwa Ħal Luqa. Dan sabiex il-Kunsill ikun f'qagħda li jiffissa l-eta' tat-tfal li ma jkunux jistgħu jattendu Skolasajf tal-Gvern minħabba l-eta'. Barra minn hekk issir wkoll talba lil Mrs Tedesco biex inkunu nistgħu nagħmlu użu minn klassi jew tnejn ta' l-Iskola Primarja.

6.2 Is-Sindku nkariga lill-Viċi Sindku Joe Piscopo, responsabbli mill-Edukazzjoni, biex jikkuntattja lill-Kap ta' l-Iskola Primarja bil-għan li tkun tista' tiġi organizzata Skolasajf, kif ukoll bl-organizzazzjoni ta' korsijiet fit-tagħlim tal-computer.

LUQA

## 7. MOZZJONIJIET

7.1 Mozzjoni mressqa mis-Sur Victor Caruana u ssekondata mis-Sindku John Schembri tgħid: **li l-Kunsill japprova li , bħalma sar fis-snin imgħoddija, tiġi organizzata l-ħarġa għal dawk il-persuni bi bżonnijiet speċjali u l-familjari tagħhom.**

7.1.i Wara li l-Kunsill qabel li din il-ħarġa ssir fl-ewwel ħmistax-il jum ta' Lulju, il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

## 8. ĦLASIJIET

8.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sad-29 ta' Mejju 2006 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-6.30 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum 20 ta' Ġunju 2006.

| | |
|---|---|
| John Schembri | Michael Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |